3. F'dan il-każ il-partijiet ta' dan il-ftehim huma BDS u VJ Salamone. BDS jimporta u jiddistribwixxi *PCs*, u huwa attiv fid-distribuzzjoni ta' *servers* u *sistemi telefoniċi*. BDS jipprovdi manutenzjoni ta' *software* u *support services* relatati mal-manutenzjoni tas-*software, system implementation* u *data networking services*.

4. VJ Salamone, apparti mill-importazzjoni u distribuzzjoni tal-*PCs,* hija attiva fid-distribuzzjoni ta' *cash registers*, magni tal-*fax*, magni reprografiċi, *printers*, manutenzjoni tal-*hardware* u *servicing*.

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision
CCD/53/04

3rd May 2004

Decision on a merger by acquisition in terms of regulation 6(1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations (LN 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the respective notification of 23rd March 2004 pursuant to regulation 5 of LN 294 of 2002

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 (LN 294 of 2002)

Having considered EC and other foreign jurisprudence

Facts

1. On 23rd March 2004, Mr. Joseph Gasan on behalf of BDS Ltd (hereinafter referred to as BDS) and Dr. Albert Grech on behalf of VJ Salamone (Equipment) Ltd. (hereinafter referred to as VJ Salamone) notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as OFC) of an agreement to merge between BDS and VJ Salamone. BDS is an undertaking engaged in the importation and distribution of computer hardware, software, telephony systems, the implementation of computer systems and data networking solutions and servicing thereof. VJ Salamone imports and distributes office automation equipment and related supplies, including photocopiers, printers, faxes, computer hardware, ticketing systems and cash registers and the servicing thereof.

2. The filing and acceptance of such notification was announced to the public through a notice in the Government Gazette number 17,563 on Friday 2nd April and a notice that appeared in a local newspaper on 3rd April 2004.

Parties

3. In this case the parties to the agreement are BDS and VJ Salamone. BDS imports and distributes PCs, and is active in the distribution of servers and telephone systems. It also engages in the development and distribution of software. BDS also provides software maintenance and support services, systems implementation and data networking services.

4. VJ Salamone, apart from the importation and distribution of PCs, is active in the distribution of cash registers, fax machines, photocopiers, printers and hardware maintenance and servicing.

Ftehim

5. Skond 5.1 tal-ftehim, VJ Salamone u BDS jaqblu li jgħaqqdu l-operazzjonijiet tagħhom permezz ta' amalgamazzjoni, ai termini ta' l-artikolu 344 et seq ta' l-Att tal-Kumpanniji.

6. Taħt 6.1 tal-ftehim tal-amalgamazzjoni, kien hemm attestat qbil reċiproku bejn VJ Salamone u BDS li jaċċettaw il-*Valuation Memorandum* rispettiv u konsegwentement jaqblu li l-ishma fil-kumpannija amalgamata jkunu approprijati hekk kif gej:

a) 56% mill-azzjonisti ta' VJ Salamone; u

b) 44% mill-azzjonisti ta' BDS.

7. Skond klawsola 4.1, il-ftehim biex jamalgamaw u l-eżekuzzjoni miż-żewġ partijiet ta' l-obbligi u dmirijiet naxxenti mill-istess ftehim hija soġġetta, fost kundizzjonijiet oħra, għall-dikjarazzjoni tal-leġġittimità ta' l-imsemmija amalgamazzjoni mill-UKG ai termini tar-Regolamenti tal-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

Konċentrazzjoni Notifikabbli

8. L-operazzjoni notifikata li permezz tagħha VJ Salamone qiegħda tamalgama ma' BDS hija konċentrazzjoni skond Regolament 2(d)(i) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

9. Regolament 2(d)(i) tiddefinixxi amalgamazzjoni bħala l-amalgamazzjoni ta' żewġ intrapriżi jew aktar li qabel kienu indipendenti minn xulxin.

Threshold li jiskatta l-obbligu ta' notifika

10. It-*turnover* totali taż-żewġ intrapriżi konċernati f'din it-transazzjoni fis-sena finanzjarja preċedenti qabżet it-*turnover* totali kkontemplata minn Regolament Nru 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

Konklużjoni tal-ftehim

11. Fis-17 ta' Marzu 2004, il-partijiet konċernanti daħlu fi ftehim għall-amalgamazzjoni ta' VJ Salamone u BDS.

12. Il-ftehim imsemmi fir-regolament 5(1) tar-Regolamenti tal-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet għandu jkun ftehim li huwa vinkulanti legalment bejn iż-żewġ intrapriżi konċernati[1]. Dan hu l-każ tal-ftehim taħt konsiderazzjoni li ma jistax jiġi kanċellat unilateralment u huwa intiż li joħloq relazzjoni legali li kull parti jista' jkollha rasha mistrieħa fuqha.

13. Suġġetti għall-iskedi 3 u 4 tal-ftehim biex jamalgamaw, VJ Salamone u BDS jaqblu li jindennizzaw lil SGBSL (l-entità amalgamata) kontra kull telf, penali ta' spejjeż, drittijiet,

Agreement

5. According to 5.1 of the agreement, VJ Salamone and BDS agree to merge their operations by means of a merger by acquisition, in terms of section 344 et seq of the Companies Act.

6. Under 6.1 of the agreement to merge, VJ Salamone and BDS mutually accept the relative Valuation Memorandum and accordingly agree that the shares in the merged company shall be owned as follows:

a) VJ Salamone shareholders 56%; and

b) BDS shareholders 44%.

7. According to clause 4.1 the agreement to merge and the performance by each of the parties of its obligations and duties under the agreement to merge shall be subject to, amongst other conditions, clearance from the OFC in terms of the Regulations on Control of Concentrations.

Notifiable concentration

8. The notified operation whereby VJ Salamone merges with BDS is a concentration within the meaning of regulation 2 (d) (i) of the Regulations on the Control of Concentrations.

9. Regulation 2 (d) (i) defines a merger as being the merging of two or more undertakings that were previously independent from each other.

Threshold for notification

10. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that contemplated in regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Conclusion of the agreement

11. On the 17 March 2004 the parties concerned have entered into an agreement for the merger of VJ Salamone and BDS.

12. The agreement referred to in regulation 5(1) of the Regulations on Control of Concentrations must be an agreement which is legally binding between the parties involved[1]. This is the case with the agreement under consideration as it cannot be rescinded unilaterally and intends to create a legal relationship on which each party can rely.

13. Subject to schedules 3 and 4 of the agreement to merge, VJ Salamone and BDS agree to indemnify SGBSL (the merged entity) against any loss, costs penalties, fees, demands,

talbiet, azzjonijiet, proċedimenti, pretensjonijiet u kwalunkwe obbligi oħra li l-entità amalgamata tista' ssofri jew tħallas bħala riżultat ta' ksur tal-klawsoli 2.1.4 sa 2.1.9 u 15 tal-ftehim ta' amalgamazzjoni bżala riżultat ta' kawża li tkun qbel id-data relevanti u li ma dan l-indennizz għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' 5 snin.

14. Għal dawn ir-raħunijiet, il-UKG jara li l-konċentrazzjoni notifikata taqa' fl-iskop tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

Evalwazzjoni

Is-suq rilevanti

15. L-UKG imxiet fuq id-definizzjoni tas-suq għall-prodott kif adottata fil-każistika ta' l-Unjoni Ewropea. Il-każijiet, li għalihom saret riferenza kienu Vodafone/Airtouch[ii], Telia/Telenor[iii], kif ukoll Guinnes/Grand Metropolitan[iv]. F'Vodafone/Airtouch u Telia/Telenor sar eżerċizzju li fih ġie ddeterminat is-settur ekonomiku li kellu l-akbar probabbiltà li jiġi affettwat mill-konċentrazzjoni notifikata. Fiż-żewġ każijiet il-Kummissjoni tat definizzjoni wiesa' tas-suq għall-prodott. Fil-Vodafone/Airtouch, il-Kummissjoni ħalliet id-definizzjoni ta' suq miftuħa għaliex ħasset li t-transazzjoni kif modifikata ma kenitx inkompatibbli mas-suq Komuni.

16. Fil-każ Amerikan Federal Trade Commission vs. Staples Inc and Office Depot Inc[vi] fil-proċess għad-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-prodott ġew applikati żewġ prinċipji. Dawn kienu l-prinċipju ta' *clustering* ta' servizzi u/jew prodotti kif ukoll il-prinċipju ta' *sub-market*[vii].

17. L-UKG ikkonsidra li s-suq rilevanti primarju għall-prodott huwa l-importazzjoni u d-distribuzzjoni ta' tagħmir għall-uffiċini utilizzat għall-ġestazzjoni u l-amministrazzjoni ta' negozju, u s-suq sekondarju bħala dak rigwardanti l-manutenzjoni ta' *hardware* u *servicing* kif ukoll manutenzjoni tas-*software*, inkluż l-implimentazzjoni tas-sistemi u servizzi ta' *data networking*.

18. Fil-każ tas-suq primarju għall-prodott rilevanti, il-UKG sabet illi hemm erba' *sub markets*: a) dik konċernanti r-*retail technology*; b) dik konċernanti *Office Automation Technology,* ċ) dik konċernanti t-tagħmir għal telefonija fissa; u d) sistemi ta' l-*IT*.

19. Fil-każ tas-suq sekondarju, l-UKG sab illi hemm żewġ *sub markets*: a) dak ta' manutenzjoni ta' *hardware* u *servicing*; u b) manutenzjoni ta' *software* u *support services*, l-implimentazzjoni ta' sistemi u servizzi konessi ma' *data networking*.

20. F'din l-amalgamazzjoni, għall-prodott u servizz partikulari, hemm sporġiment bejn is-swieq, iżda hemm

actions, proceedings, claims and other liabilities whatsoever which the merged entity may suffer or incur as a result of a breach of clauses 2.1.4 to 2.1.9 and 15 of the agreement to merge as a result of a cause which predates the relevant date and which has not been disclosed in the Merger Memoranda. This indemnity shall remain in force for a period of 5 years.

14. On these grounds, the OFC finds that the notified concentration falls within the scope of the Regulations on Control of Concentrations.

Assessment

The relevant market

15. The OFC followed the definition of the product market as adopted in EC merger case law. The cases referred to were *Vodafone/Airtouch*[ii], *Telia/Telenor*[iii], *as well as, Guinnes/Grand Metropolitan*[iv]. In *Vodafone/Airtouch* and Telia/Telenor he approach was primarily that of establishing the economic sector which was most likely to be affected by the notified concentration. In both cases the Commission opted for a wide definition of the product market. In the Vodafone/Airtouch case the Commission left the market definition open because it felt that the transaction as modified was not incompatible with the Common market[v].

16. In US merger case Federal Trade Commission vs. Staples Inc and Office Depot Inc[vi] two principles were applied when defining the relevant market. These were the clustering of services and\or products as well as the principle of sub-markets[vii].

17. The OFC considered the primary relevant product market to be the importation and distribution of office equipment related to business and the secondary market to be that concerning the hardware maintenance and servicing as well as software maintenance and support services, including systems implementation and data networking services.

18. In the case of the primary relevant product market the OFC found that there are four distinct sub markets; a) that concerning *retail technology;* b) *Office automation technology;* c) *fixed telephony equipment;* and d) *IT systems.*

19. In the case of the secondary market the OFC found that there are two distinct sub-markets: a) that of hardware maintenance and servicing; and b) software maintenance and support services, systems implementation and data networking services.

20. In this merger there is an overlap in one particular product and service and no overlap in the other products and

ineżistenza ta' sporġiment bejn is-swieq għall-prodotti u s-servizzi oħra. L-UKG ikkonsidra li l-attività tal-partijiet jikkoinċidu ma' l-importazzjoni u distribuzzjoni ta' *PCs* u s-*servicing* tagħhom.

21. F'dan il-każ is-suq ġeografiku rilevanti jikkomprendi l-gżejjer Maltin.

Analiżi Sostantiva

22. Il-UKG ta attenzjoni partikolari lill-elementi li ġejjin:

a) in-natura tal-prodotti u servizzi involuti fit-transazzjoni notifikata;
b) l-istruttura tas-suq;
ċ) *portfolio power*;
d) l-effetti u effiċjenzi ġġenerati mill-amalgamazzjoni; u
e) restrizzjonijiet anċillari.

In-natura tal-prodotti u servizzi involuti fit-transazzjoni notifikata

23. F'dan il-każ, il-UKG kien ikkonċernat fuq is-swieq rigwardanti *cash registers*, kompjuters, *faxes*, *printers*, magni reprografiċi, *PABXs*, *servers*, u *general servicing*, inkluż it-tqegħid ta' *data networks*, manutenzjoni tas-*software* u *implementation systems*.

24. Il-kunċett ta' *clustering* għandu jiġi applikat sabiex tiġi determinata l-komplimentarjetà o meno tal-prodotti u servizzi aktar 'il fuq imsemmija. L-għażla ta' *clustering* tiddependi ħafna skond kif jiġi mfisser is-suq rilevanti jekk hux mill-perspettiva tal- provvista tas-suq jonkella mill-perspettiva tat-talba mill-konsumatur għall-istess prodott jew servizz fis-suq.

25. *Faxes*, kompjuters, *photocopiers, PABXs, printers, servers* u *software* huma prodotti li jistgħu jiġu ggruppjati flimkien. Dan ifisser li l-manutenzjoni tas-*software*, manutenzjoni ta' *hardware*, sistemi ta' installazzjoni, servizzi tad-*data networking* minkejja li jikkostitwixxu suq separat jistgħu jitpoġġew fl-istess grupp ta' prodotti aktar 'il fuq imsemmija, minħabba li huma swieq anċillari.

26. Għalhekk, l-iktar li tinħass il-komplimentarjetà hija fil-*hardware* u s-*servicing* ta' *hardware*, bl-esklużjoni ta' *cash registers* u s-*servicing* tagħhom.

L-Istruttura tas-suq ta' l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' tagħmir għal uffiċini b'destinazzjoni kummerċjali

27. L-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tat-tagħmir għal uffiċini b'destinazzjoni kummerċjali huwa kompetittiv. Apparti l-partijiet notifikanti, jinsabu għaxar kompetituri oħra, li qegħdin jipprovaw joffru *business solutions* vantaġġużi lill-

services. The OFC considered that the activity of the parties overlaps in the importation and distribution of PCs and the servicing thereof.

21. In this case the relevant geographic market comprises the Maltese islands.

Substantive analysis

22. The OFC paid particular attention to the following elements:

a) the nature of the products and services involved in the notified transaction;
b) market structure;
c) portfolio power;
d) effects and merger specific efficiencies; and
e) ancillary restraints.

The nature of the products and services involved in the notified transaction

23. In this case the OFC was concerned with cash registers, PCs, faxes, printers, photocopiers, PABX's, servers, and general servicing, including setting up of data networks, software maintenance and systems implementation.

24. The concept of "clustering" has to be applied so as to determine the complementarity or otherwise of the products and services mentioned above. The choice of clustering depends very much on whether one is defining the relevant market on the supply side of the market or on the demand side of the market.

25. Faxes, PCs, photocopiers, PABXs, printers, servers and software are all products which can be clustered together. This means that software maintenance, hardware maintenance, system installations, data networking services although constituting a separate market can be clustered with the above mentioned products, for they are ancillary markets.

26. Therefore, the complementarity is most felt with all hardware and servicing of hardware, excluding cash registers and the servicing thereof.

Market structure of the importation and wholesale of office equipment related to business

27. The importation and wholesale of office equipment related to business is competitive. There are ten other competitors other than the notifying parties which are trying to offer advantageous business solutions to enterprises. In

intrapriżi. Fil-fatt il-kompetizzjoni tinsab primarjament f'żewġ fatturi: a) fit-tikketti tal-prodotti distribwiti, u b) servizzi *after sales*. It-tikketti tal-prodotti huma partikolarment importanti. Dan huwa l-każ għall-bejgħ ta' magni reprografiċi fis-suq ta' magni għall-uffiċċju li huma *automated*, u għall-bejgħ ta' kompjuters u *servers* fis-suq ta' l-IT. Element ieħor li jrid jittieħed in konsiderazzjoni huwa l-prezz u kundizzjonijiet oħra bħal per eżempju kemm hija wiesa' l-kopertura tal-garanziji kummerċjali. Tikketti rinomati *(must have)* bosta drabi joffru garanziji internazzjonali ta' durata itwal minn tikketti ta' prodotti inferjuri.

actual fact the competition lies primarily in two main factors: a) in the brands distributed, and b) in the after sales services offered. Brands are particularly important. This is the case for automated office equipment within the reprographic market such as photocopiers and PCs and servers within the market of IT solutions. Another factor is the matter of price and other conditions such as the broadness of commercial guarantees. Must-have brands do in most cases offer longer international warranties than weaker brands.

28. Is-suq lokali konċernanti l-bejgħ bl-ingrossa u l-importazzjoni ta' tagħmir għall-uffiċini ddestinati għall-użu ta'amministrazzjoni u/jew ġestjoni ta' negozju huwa kkaretterizzat mill-fatt li l-bejgħ huwa eżegwit direttament mill-bejjiegħa bl-ingrossa u/jew importaturi direttament lill-konsumaturi. Dan ifisser li sistemi ta' distribuzzjoni huma ineżistenti. Kif intqal qabel, is-suq tal-bejgħ bl-ingrossa u l-importazzjoni tat-tagħmir għall-uffiċini jippernja fuq l-*aftersales services*.

28. A characteristic of the local market for the wholesale and importation of office equipment related to business is the fact that sales are effected by the wholesalers and/or importers directly to customers. This means that there is a general absence of distribution systems. As stated earlier, the backbone of the market for the wholesale and importation of office equipment related to business is the after sales and maintenance service.

29. Is-suq tal-*PC's* huwa s-suq l-aktar volatili. Dan is-suq qiegħed jespandi però jiddependi ħafna mit-tkabbir ekonomiku tal-pajjiż u inċentivi nazzjonali għat-titjib ta' l-infrastruttura ta' l-IT. Il-kompjuters manifatturati lokalment jaffettwaw b'mod dirett is-sehem rispettiv f'idejn il-partijiet li qegħdin jinnotifikaw u importaturi oħrajn ta' kompjuters. Dan għaliex il-kompjuters manifatturati f'Malta jistgħu jkunu relattivament irħas mill-kompjuters importati. Iżda kemm-il darba jindika illi l-funzjoni specjalizzata ta' *PC* iqiegħed il-manifattur Malti fi żvantaġġ.

29. The PC market is the market which is the most volatile. It is expanding however, it is highly dependant on the economic growth of the country and on national incentives to upgrade and better IT infrastructure in the country. So far, the manufacture of PCs in Malta affects the market share of the parties notifying the concentration and other importers of PCs. Computers manufactured in Malta could be relatively cheaper than imported computers. However, the function of the PC sometimes is a determinant factor which actually edges out locally manufactured PCs.

30. Fil-fatt, tikketta partikolari ta' *PC* hija unikament mfittxija mill-industrija ta' l-istampar u li għal din it-tikketta ma hemm l-ebda tikketta Maltija li tista' tikkompeti magħha.

30. In fact, one particular brand is the only brand sought for the printing industry and such brand is not paralleled by computers manufactured in Malta.

31. Il-manifattura tal- *PC's* f'Malta qed tespandi u tikber maġenb dik ta' l-importati u tikkompeti fuq il-prezz ma' l-importati. Dan ifisser li l-ispejjeż ta' dħul fis-suq tal-*PC's* għall-*PC's* immanifaturati lokalment huma baxxi, u dawn jistgħu jwasslu għall-importazzjoni tal-*PC's*. Is-suq tal- *PC's* f'Malta huwa bejn wieħed u ieħor kompetittiv u oligopolju asimetriku.

31. The manufacturing of PCs in Malta is expanding and growing aside that of the imported branded PCs and they compete on price with imported PCs. This means that the costs of entry in the PC market for locally manufactured computers are low, and these can have the ability to opt for switching to the importation of computers. The PC market in Malta is more or less competitive and asymmetric oligopoly.

32. Is-suq tal- *PC's* huwa *sub-market* fis-suq għall-bejgħ bl-ingrossa u l-importazzjoni tat-tagħmir għall-uffiċini ddestinati għall-ġestazzjoni u jew amministrazzjoni ta' negozju, li huwa wieħed mill-akbar elementi importanti fil-grupp tal-prodotti konċernanti s-soluzzjonijiet B2B formalment magħruf bħala apparat utilizzat f'uffiċini ddestinati għall-skopijiet merkantili.

32. The PC market is a sub-market of the market for the wholesale and importation of office equipment, which is one of the most important elements within the cluster of products concerning B2B solutions (business to business solutions) or formally known as office equipment related to business.

33. Is-suq lokali għall-bejgħ bl-ingrossa u l-importazzjoni tat-tagħmir għall-uffiċini utilizzati għan-negozju qed jikber, però xorta waħda għadu ma żviluppax. L-imblokki għad-dħul

33. The local market for the wholesale and importation of business office equipment is growing, yet it is not mature. The barriers to entry could be significant. This is due to the

jistgħu jkunu sinifikanti. Dan għaliex ix-xerrejja u/jew il-konsumaturi huma xerrejja sofistikati b'domandi li jirrikjedu ħila teknika f'oqsma partikolari ta' kompetenza. Għalhekk waħda mill-ikbar ostakoli għal kompetituri ġodda hija l-għarfien tekniku u kummerċjali ta' importaturi stabbiliti u bejjiegħa bl-ingrossa. L-ispejjeż involuti fit-taħriġ għall-impjegati, biex jakkwistaw u jżidu l-għarfien tekniku mhumiex ftit. L-ispejjeż involuti fil-promozzjoni ta' tikketta, partikolarment jekk hija waħda ġdida tista' tkun ostakolu ieħor sinifikanti.

Portfolio Effects

34. *Portfolio power* jista' jiġi fis-seħħ hekk kif amalgamazzjoni konglomerata tgħaqqad prodotti komplimentarji li fihom wieħed mill-partijiet għandu biżżejjed saħħa tas-suq biex ikun jista' jiffaċilita *tying* sfurzat, *bundling* pur jew strateġiji analogi li jxekklu x-xelta tax-xerrej.

35. Il-kunċett tal-*portfolio effects* fil-kuntest ta' amalgamazzjonijiet konglomerati spiss jirreferu għall-effetti favur jew kontra li jġibu magħhom amalgamazzjonijiet li jikkombinaw il-prodotti tal-partijiet fit-transazzjoni: a) minn liema l-partijiet jgawdu s-saħħa tas-suq, imma mhux neċessarjament dominanza; u b) li huma mibjugħa fis-swieq li huma relatati.

36. Il-kunċett tal-*portfolio effects* jista' jqum rigwardanti t-tagħmir għall-uffiċini minħabba komplementarjetà kbira u *bundling* li jistgħu jkunu karatteristika kummerċjali speċjalment għal xerrejja li jkunu individwi li għadhom se jingaġġaw irwieħhom fil-kummerċ għall-ewwel darba. Dan ifisser li l-punt fokali ta' din id-deċiżjoni għandu jkun fuq jekk imġiba bħal din żżidx new tnaqqasx il-*welfare* ġenerali.

37. F'din il-konċentrazzjoni, *portfolio effects* jistgħu javveraw ruħhom minħabba l-fatturi segwenti:

a) VJ Salamone u BDS jeżerċitaw saħħa fis-suq fl-importazzjonijiet għal *cash registers* u kompjuters rispettivament. Fis-suq tas-*servicing* m'hemm l-ebda preokkupazzjoni partikolari minħabba li s-*servicing* huwa orientat mat-tikketta u għalhekk inestrikabilment relatat mal-bejgħ mat-tikketti li VJ Salamone u BDS jimportaw;

b) Meta tiġi għal *cash registers* u tagħmir għall-uffiċini hemm ness ċar fis-swieq konċernanti d-domanda, cioè, bejn is-suq tal-*cash register* u s-suq tat-tagħmir għall-uffiċini u mill-banda l-oħra is-*sub market* għat-tagħmir għall-uffiċini minħabba li jbiegħu *automated office equipment,* apparat għat-telefonija, apparat reprografiku, *printers* u *PCs*. Għal darb' oħra, is-suq tas-*servicing* ma jqajjimx tħassib kbir fil-kuntest ta' manutenzjoni tas-*software* u manutenzjoni tal-*hardware;* u

fact that the buyers and/or end-users are sophisticated buyers or buyers with targeted demands which require technical expertise in particular areas of competence. Therefore one of the big stumbling blocks for new entrants is the technical and commercial know-how of established importers and/or wholesalers. The costs involved in the training of personnel, to acquire and update technical know how are appreciable. Moreover, the costs involved in the promotion of a brand, particularly one that is new, could be another significant barrier to entry.

Portfolio Power

34. Portfolio power is likely to arise when a conglomerate merger unites complementary products in which at least one of the parties have enough market power to be able to facilitate forced tying, pure bundling or analogous strategies that restrict buyer choice.

35. Portfolio effects in the context of conglomerate mergers usually refer to the pro or anti-competitive effects that may arise in mergers combining branded products: a) in which parties enjoy market power, but not necessarily dominance; and b) which are sold in the neighbouring or related markets.

36. Portfolio effects could arise in this case because when it comes to office equipment there is close complementarity and bundling could be part of the trade especially for customers setting up a business for the first time. This means that the focus of this decision should rest on whether such behaviour could increase or decrease overall welfare.

37. In this concentration portfolio effects could arise because of the following factors:

a) VJ Salamone and BDS exercise market power in the imports for cash registers and PCs respectively. In the servicing market there is no particular concern because the servicing is brand-oriented and so inextricably linked to the sales of the brands that VJ Salamone and BDS import;

b) When it comes to cash registers and office equipment there is a clear demand side linkage between markets, that is, between the cash register market (retail technology market) and the office equipment market (these being related markets) and in turn the sub markets of the office equipment sell automated office equipment, telephony equipment, reprographic equipment, printers and PCs. Again, the servicing market is not of great concern because software and hardware maintenance servicing market is mostly brand oriented; and

L-effetti u effiċjenzi speċifiċi ta' l- amalgamazzjoni.

38. Il-fatturi li l-UKG ħadet in konsiderazzjoni huma jekk:

a) il-possibilità o meno li l-entità amalgamata tintensifikax it-*tying* ta' prodotti li tbiegħ[viii];

b) il-possibiltà *o meno* li l-entità amalgamata li tiffaċilita l-proċess li bih iżżid il-flessibiltà fl-ipprezzar inkluż il-possibiltà *o meno* biex toffri promozzjonijiet u *discounts* bil-propensità għat-twettiq ta' prassi abbużivi[ix];

ċ) jekk hemmx possibiltà li l-entità amalgamata żżidx il-potenzjal għall-*bundling;* u

d) l-entità amalgamata hijiex f'pożizzjoni li tirrifjuta milli tbiegħ[x].

Effects and specific merger efficiencies

38. The issues the OFC took into consideration are whether:

a) the merged entity is able to increase the possibility of tying the products it sells[viii];

b) the merged entity is able to increase price fexibility including the possibility to offer promotions and discounts with a potential for abuse[ix];

c) the merged entity is able to increase the scope of bundling; and

d) the merged entity is able to refuse to deal[x].

Il-possibiltà ta' *tying*

39. F'dan il-każ, l-entità amalgamata għandha l-abiltà li torbot flimkien il-bejgħ tal-prodotti kollha relatati mat-tagħmir għall-uffiċini. Rigward il-*PCs,* l-entità amalgamata għandha xi *brands* magħrufa u ġeneralment użati għas-soluzzjonijiet ta' intrapriża li jistgħu jgħinu ż-żieda tas-*sales* ta' ditti mhux daqshekk b'saħħithom fil-*PCs, servers* u *printers*. Però, mhux neċessarjament tgħaqqad flimkien il-*photocopiers* u *telephony equipment* ma' l- *PCs* effettivament għal spettru wiesa' ta' *portfolios* klijenti. Il-bejgħ flimkien ta' *PCs, servers* u *printers* jista' jgħin lid-ditta naxxenti mill-amalgamazzjoni biex tikkonsolida s-sehem fis-suq fil-bejgħ tat-tagħmir li għandu x'jaqsam ma' *enterprise solution demands* għall-applikazzjonijiet *off retail point* illi jikkostitwixxu suq wiesa'. Għaldaqstant huwa wisq improbabbli li minkejja l-ishma fis-suq tal-*PCs* ta' din l-entità amalgamata, l-istess entità tkun kapaċi tirrestriġi sostanzjalment il-volum tan-negozju.

The possibility of tying

39. In this case the merged entity is able to tie all the products related to office equipment. When it comes to PCs the merged entity in its portfolio has some strong brands which are known and generally used for enterprise solutions which could very much boost the sales of weaker brands in PCs, servers, and printers. However, it is not necessarily able to tie photocopiers and telephony equipment with PCs effectively for a wide range of customer portfolios. The tying of PCs, servers and printers could help the merged firm in consolidating the market share in sales of Office equipment for enterprise solution driven demands off retail point which is in itself a wide market. It is therefore unlikely that given the market shares for PCs of the merged entity, the merged entity will foreclose substantial volume of commerce.

Il-possibiltà ta' flessibiltà tal-prezz

40. Il-flessibiltà fl-iprezzar f'dan il-każ jista' jiġi eżerċitat għar-rigward *first-time buyers* ingaġġati fil-livell tas-suq ta' bejgħ ta' prodotti jew servizzi lill-konsumatur, permezz ta' bejgħ flimkien ta' *cash registers* ma' *PCs, servers, printers, faxes* u apparat li għandu x'jaqsam mat-telefonija ġenerali sakemm l-entità in dizamina tkun fil-pożizzjoni li toffri prezzijiet kompetittivi ħafna tant illi tnaqqas l-inċentiv għall-*first time buyers* biex iduru stabbilimenti oħra jew aħjar biex ifittxu għall-prezzijiet aktar kompetittivi ġewwa stabbilimenti oħra. Is-sehem fis-suq li jisporġi ma' dak tal-*PCs* bl-ebda mod ma jindika il-possibiltà tal-flessibiltà fl-ipprezzar u s-sehem

The possibility of price flexibility

40. Price flexibility in this case could be exercised with first-time buyers engaged in the retail sector, through the bundling of cash-registers with PCs, servers, printers, faxes, printers and telephony equipment, if however, the merged firm would be able to offer unbeatable prices as to minimise the incentive for first-time buyers to shop-around for better prices. The market shares in the overlapping market of PCs does not warrant this possibility and the market share in cash-registers alone is not coupled with market shares in the other products as to bolster price flexibility strategies to be spread in the wide range of products to be offered by the

fis-suq tal-*cash registers* innifsu ma jkunx jista' jiġi akkopjat ma' ishma fis-swieq ta' prodotti oħra tali li jkun jista' jixpruna strataġemi għall-flessibiltà fl-ipprezzar sabiex ikunu pervasivi fl-ispettru wiesa' ta' prodotti mibjugħa mill-entità naxxenti mill-amalgamazzjoni in dizamina. Għalhekk, il-*portfolio* huwa wiesa' iżda mhux fond biżżejjed biex iqanqal biża' li jseħħu abbużi konnessi ma' strateġemmi konċernanti flessibiltà fl-ipprezzar.

Il-possibiltà ta' *bundling*

41. L-entità komposta mill-amalgamazzjoni suespost faċilment tista' tbiegħ flimkien prodotti li timporta li jikkonċernaw tagħmir għall-uffiċini. *Cash registers* jistgħu jinbiegħu flimkien ma' prodotti konċernanti tagħmir ta' uffiċini iżda tali strataġemma ma jqanqalx tħassib għar-raġuni li ma toħloqx dominanza u bl-ebda mod ma tgħin biex iżżid is-sehem fis-suq ta' l-entità in dizamina. Barra minn hekk, tali strateġemma tappella għall-*first time buyers* jew għall-intrapriżi fil-fażi ta' tkabbir. Dan jintrabat mal-fatt li l-*portfolio* mhuwiex fond biżżejjed.

Fuq il-possibiltà ta' rifjut għall-bejgħ

42. L-analiżi suesposta għal strateġiji ta' *tying* u *bundling* mill-entità amalgamata tapplika wkoll f'dan il-każ. Għalhekk, il-possibiltà ta' rifjut għall-bejgħ hija remota minħabba li l-*portfolio,* għalkemm wiesa' fid-dimensjoni, mhuwiex fond biżżejjed biex iqajjem tħassib dwar infranzjonijiet tal-liġi li tirregola l-kompetizzjoni ġusta.

Effiċjenzi speċifiċi tal-konċentrazzjoni

43. Il-konsumatur jista' jibbenefika mill-konċentrazzjoni b'żewġ modi:

i) tista' tagħti lok għall-*economy of scope (one-stop shopping* għall-konsumaturi); u

ii) il-prezzijiet lill-konsumatur jistgħu jiġu mraħħsa minħabba effiċjenzi miksuba mill-konċentrazzjoni partikolarment minħabba tnaqqis f'infiq għall-importazzjoni. [xi]

Restrizzjonijiet anċillari

44. Skond il-ftehim biex tamalgama l-BDS hija obbligata bi klawsola ta' non-kompetizzjoni li testendi sa 5 snin wara d-data ta' tlestija ta' l-amalgamazzjoni, skond din il-klawsola l-ebda wieħed mill-membri tal-Gasan Group, mgħandu, mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel ta' l-entità amalgamata, direttament jew indirettament, jingaġġa f'kull attività li tkun sostanzjalment l-istess bħan-Negozju tal-BDS,

merged entity. So the portfolio is wide yet it is not deep enough to cause fears of abuses from price flexibility strategies.

The possibility of bundling

41. The merged entity can easily bundle the products it imports which concern office equipment. Cash registers can be bundled with office equipment products the merged however, the bundling strategy will not raise competition law concerns because it will not create dominance, and it will not in any way help to increase the market share of the merged entity. Moreover, it primarily appeals for first time buyers or for businesses in expansion. This is due to the portfolio not being deep enough.

On the possibility of refusal to deal

42. The above analysis for tying and bundling strategies by the merged entity apply also in this case. Therefore, the possibility of refusal to deal is remote given the fact that the portfolio, although wide in dimension, is not deep enough to raise competition law concerns.

Merger specific efficiencies

43. The merger could benefit the consumer in two ways:

i) it could give rise to an economy of scope (one-stop shopping for customers); and

ii) prices could be lowered to the consumer due to the efficiencies gained by the merger particularly through decrease in importation expenses. [xi]

Ancillary restraints

44. According to the agreement to merge BDS is bound by a non-compete clause extending to 5 years after the date of the completion of the merger, under this clause none of the members of the Gasan Group, shall, without the merged entity's prior written consent, directly or indirectly engage in any activity which is substantially the same as the BDS Business, the VJSE

in-Negozju ta' VJSE, jew in-negozju ta' l-SGBSL (in-negozju ta' l-entità amalgamata jew kull parti materjali tagħha). L-istess japplika għall-membri tal-VJSE. Din il-klawsola ta' non-kompetizzjoni ġiet ikkunsidrata aċċettabbli skond in-Notifika tal-Kummissjoni jew restrizzjonijiet direttament relatati u meħtieġa mal-konċentrazzjonijiet (2001/C 188/03) la darba dan in-negozju jinvolvi livell għoli ta' tagħrif tekniku u tagħrif kummerċjali[xii].

Konklużjonijiet

Għar-raġunijiet fuq esposti partikolarment paragrafi 26-42 u konformement mar-Regolament numru 6(1)(ii) dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 (A.L. 294 ta' l-2002), l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant:

(1) iddeċieda illi għalkemm il-konċentrazzjoni taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-Regolamenti, il-konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-leġittimità tagħha;

(2) iddeċieda illi ma jopponix il-konċentrazzjoni u

(3) iddikjara tali konċentrazzjoni bħala konċentrazzjoni leġittima.

Is-Sur Joe Schembri
Aġent Direttur Ġenerali

[i]Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea ICI/TIOXIDE (Każ Nru. IV/M.0023, (1991*)* 4 CMLR 792) u deċiżjoni maħruġa mill-UKG it-2 ta' April 2003 konċernanti konċentrazzjoni bejn Global Financial Services Group plc u British American Insurance Co (Mauritius) Ltd.

[ii]Każ Nru. IV/M.1430 – Vodafone/Airtouch – 21/05/1999.

[iii]COMP/M. 1439 – Telia/Telenor - 13/10/1999.

[iv]Każ Nru. IV/M.938 – Guinnes/Grand Metropolitan – 27/10/1998.

[v]Każ Nru. IV/M.1430 – Vodafone/Airtouch – 21/05/1999 (para. 12)

[vi]Każ Nru. 1:97CV00701, United States District Court for the District of Columbia, April 10, 1997.

[vii]Ibid. Supra.,

[viii]Ibid. Supra, Guinnes/Grand Metropolitan – 27/10/1998.

[ix]Unilever/Best Foods (Switzerland 2001)

[x]Ibid. Supra., Guinnes/Grand Metropolitan - 27/10/1998

[xi]*Portfolio Effects in Conglomerate Mergers,* Directorate for Financial Fiscal and Enterprise Affairs Competition Committee – DAFFE/COMP(2002)5 24 ta' Jannar 2002, Paġni 7-11.

[xii]Commission Decision 1 ta' Settembru 2000 (COMP/M.1980-Volvo/Renault VI, recital 56).

Id-9 ta' Novembru, 2004

Business, or the business of SGBSL (the merged entity's business or any material part of it). The same applies to the members of VJSE. This non-compete clause has been considered acceptable in terms of Commission Notice on restrictions directly related and necessary to concentrations (2001/C 188/03) since this business involves a high level of technical know-how and commercial know-how[xii].

Conclusions

For the above mentioned reasons particularly paragraphs (para.27-44) and pursuant to regulation 6 (1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 (LN 294 of 2002), the Office for Fair Competition has therefore:

(1) decided that although concentration falls within the scope of these Regulations, the concentration does not raise serious doubts about its lawfulness;

(2) decided not to oppose the concentration and

(3) declares it to be a lawful concentration.

Mr Joe Schembri
Acting Director General

[i] European Commission Decision ICI/TIOXIDE (Case No. IV/M.0023,{1991*)* 4 CMLR 792) and decision issued by the OFC on 2nd April 2003 concerning Merger between Global Financial Services Group plc and British American Insurance Co (Mauritius) Ltd.

[ii] Case No IV/M.1430 - Vodafone/Airtouch - 21/05/1999.

[iii]COMP/M.1439 - Telia/Telenor - 13/10/1999.

[iv]Case No IV/M.938 - Guinnes/Grand Metropolitan – 27/10/1998.

[v]Case No IV/M.1430- Vodafone/Airtouch - 21/05/1999 (para.12).

[vi]Case No: 1:97CV00701, United States District Court for the District of Columbia, April 10 1997

[vii]Ibid. Supra.,

[viii]Ibid. Supra., Guinnes/Grand Metropolitan - 27/10/1998

[ix]Unilever/Best Foods (Switzerland 2001)

[x]Ibid. Supra., Guinnes/Grand Metropolitan - 27/10/1998

[xi]*Portfolio Effects in Conglomerate Mergers,* Directorate for Financial Fiscal and Enterprise Affairs Competition Committee - DAFFE/COMP(2002)5 24 January 2002, Pg. 7-11.

[xii]Commission Decision of 1st September 2000 (COMP/M.1980-Volvo/Renault VI, recital 56).

9th November, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Kors ta' Filgħaxija għal *Cisco Certified Network Associate*

L-Istitut tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Komunikazzjoni jgħarraf li se jsir kors ta' filgħaxija għal wieħed mill-ogħla għaxar *IT certifications* ta' klassi mondjali mis-CISCO, il-protagonist prinċipali fin-*networking* u komunikazzjonijiet li jwassal għal *Cisco Certified Network Associate (CCNA)*.

Kull student post sekondarju *full-time* minn Malta u Għawdex jista' japplika.

Il-kors joffri l-opportunità lill-istudenti li:

(a) isiru parti minn grupp ta' l-aqwa professjonisti fin-*networking*

(b) jiksbu ċertifikat prinċipali rikonoxxut fl-industrija maddinja kollha

(ċ) iżidu l-opportunità għal meta jikkompetu f'Malta jew barra minn Malta

(d) jitgħallmu dwar u jipprattikaw fuq *routers* u *switches* oriġinali tas-CISCO

(e) jiddisinjaw u jimplimentaw soluzzjonijiet għal *networking*, f'ambjent ta' *networks* sew lokali kif ukoll ta' firxa wiesgħa

(f) jiksbu ċertifikat ta' meritu wara li jkunu temmew b'suċċess kull wieħed mill-erba' semestri

(g) jiksbu tagħlim professjonali, jitgħallmu mingħand l-aqwa u jkollhom sodisfazzjoni fid-diversi sessjonijiet prattiċi

(h) jiksbu ċertifikat tas-CCNA li jkun jippermetti lill-istudenti li jimxu 'l quddiem fil-livelli avvanzati li jkun imiss fl-edukazzjoni u proċess ta' ċertifikazzjoni tas-CISCO u jispeċjalizzaw f'oqsma bħal *IT Security, Wireless Communications, Linux/Unix Operating Systems* u ħafna oħrajn.

Il-kors se jsir minn nhar it-Tnejn, it-8 ta' Novembru, 2004, sa nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Lulju, 2005.

Is-sessjonijiet se jkunu ta' tliet siegħat il-waħda u se jsiru darbtejn fil-ġimgħa kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m. Id-dritt ta' ħlas għall-kors huwa ta' Lm350 (li jitħallas f'pagamenti).

Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mill-Istitut tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Komunikazzjoni (Kamra 27). Wieħed għandu jissottometti l-applikazzjonijiet u depożitu ta' Lm10, mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Novembru, 2004, fl-Istitut ta' l-Informazzjoni u Komunikazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Evening Course for Cisco Certified Network Associate

The Institute of Information and Communication Technology notifies that an evening course is being held for one of the top ten world class IT certifications from CISCO, the leading player in networking and communications leading to a Cisco Certified Network Associate (CCNA).

Any full-time post-secondary students from Malta and Gozo can apply.

The course offers to students the opportunity to:

(a) become part of an elite group of networking professionals

(b) obtain a leading world-wide industry recognized certificate

(c) even the odds when competing for a job in Malta or abroad

(d) learn about and practice on original CISCO routers and switches

(e) design and implement networking solutions, both in local and wide area network environments

(f) obtain a certificate of achievement after successfully completing each of the four semesters

(g) acquire expert knowledge, learn from the best and have fun during numerous practical sessions

h) obtain a CCNA certificate that will enable students to progress through the next advanced levels of CISCO education and certification paths and specialize in areas such as IT Security, Wireless Communications, Linux/Unix Operating Systems and many others.

The course will be held from Monday, 8th November, 2004 till Wednesday, 6th July, 2005.

Sessions will be of three hour duration and will be held twice a week every Monday and Wednesday from 4.30 p.m. to 7.30 p.m. The fee for the course is Lm350 (paid by installments).

Application forms are available from the Institute of Information and Communication Technology (Room 27). The applications and a deposit of Lm10 should be submitted, by not later than Friday, 5th November 2004, at the Institute of Information and Communication Technology, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-*website* bl-indirizz: www.mcastshortcourses.gov.mt jew mingħand l-i*structors* talkors fuq Tel: 21 668129/21 668130 ext. 177, jew *e-mai*l tas-Sur Krassimir Andreinski fuq krassimir.andreinski@mcast.edu.mt jew is-Sur Ramon Mangion fuq ramon.mangion@mcast.edu.mt.

Id-9 ta' Novembru, 2004

Further information may be obtained from the web-site at: www.mcastshortcourses.gov.mt or from course instructors on Tel: 21 668129/21 668130 ext. 177, or e-mail Mr. Krassimir Andreinski on krassimir.andreinski@mcast.edu.mt or Mr. Ramon Mangion on ramon.mangion@mcast.edu.mt.

9th November, 2004

AVVIŻ TAR- REĠISTRATUR TAL-KUMPANNIJI

Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji jgħarraf illi b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2004, id-dikjarazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma':–

a) dokumenti konsenjati, mogħtija jew notifikati lilu għar-reġistrazzjoni;

b) ċertifikati maħruġa minnu wara r-reġistrazzjoni, bdil ta' isem, bdil, amalgamazzjoni jew qsim ta' soċjetà; u

ċ) tħassir ta' isem ta' soċjetà mir-reġistru;

liema dikjarazzjonijiet huma meħtieġa li jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 401 (1)(e) ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji kif ukoll skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Ordinanza Dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, 1962 u l-*Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations,* 2004 huma, bissaħħa ta' l-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, ippubblikati u qegħdin fl-*internet web-site* uffiċjali tar-Reġistratur tal-Kumpanniji: **http://registry.mfsa.com.mt**

Il-pubbliku jista' jara kopja stampata ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kollha matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju fl-uffiċċju tar-Reġistru tal-Kumpanniji fl-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Triq Notabile, Ħ'Attard.

DOTT. ANTON BARTOLO, LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

L-1 ta' Settembru, 2004

NOTICE OF REGISTRAR OF COMPANIES

The Registrar of Companies hereby notifies that with effect from the 1st September 2004, all statements relating to:–

(a) documents delivered, given or served on him for registration;

(b) certificates issued by him on the registration, change of name, conversion, amalgamation or division of a commercial partnership; and

(c) the striking off the register of the name of a commercial partnership;

which statements are required to be published in the Government Gazette in terms of article 401 (1)(e) of the Companies Act 1995 and also in terms of the relevant provisions of the Commercial Partnerships Ordinance, 1962 and the Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004 are, by virtue of article 16 of the Interpretation Act, published and available on the official internet web-site of the Registrar of Companies at: **http://registry.mfsa.com.mt**

A hard copy of all such statements is available for public inspection during office hours at the premises of the Registry of Companies at the Malta Financial Services Authority, Notabile Road, Attard.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

1st September, 2004

KUNSILL LOKALI MTARFA

Il-Kunsill Lokali Mtarfa jgħarraf li minn nhar il-Ħamis, l-4 ta' Novembru 2004, Triq Sir Temi Zammit fl-Imtarfa saret *one way*.

Id-9 ta' Novembru, 2004

MTARFA LOCAL COUNCIL

The Mtarfa Local Council notifies that as from Thursday, 4th November 2004, Triq Sir Temi Zammit at Mtarfa is now a one way street.

9th November, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-11 ta' Novembru, 2004, għal:
